MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 240/1997/1

**Avviz Numru 240/97VG**

**Angelo Attard u Margerita Attard**

**Vs**

**Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat fit-13 ta' Frar 1997 permezz ta' liema Angelo u Margerita Attard jitolbu li Anthony u Maria Carmela sive Marlene Attard jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' mitejn tnejn u sittin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm262.50) [illum ekwivalenti ghal €611.46] rapprezentanti arretrati ta' imghax fuq is-somma ta' Lm3,500 li l-attur Angelo Attard silef lill-konvenut Anthony Attard, u dan a tenur ta' skrittura privata datata 29 ta' Novembru 1994, annessa bhala Dok. "A" ma' l-Avviz; bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tat-18 ta'

Dicembru 1996, u bl-imghax legali mill-1 ta’ Jannar 1997, kontra l-konvenuti;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ Anthony Attard ipprezentata fil-25 ta’ Marzu 1997, permezz ta’ liema jeccepixxi: (i) *in linea preliminari, in-nullità ta’ l-avviz, ghax ma giex prezentat minn mart l-attur ukoll u ghax ma gietx citata bhala konvenuta ukoll mart l-eccipjent, u dana stante li skond l-art. 1322(2)(3)(f) tal-Kap.16, is-self ta’ flus jew it-tehid ta’ flus b’self, huwa att ta’ amministrazzjoni straordinarja, u d-dritt li wiehed ifittex jew li jigi imfittex dwar att ta’ amministrazzjoni straordinarja hu vestit fiz-zewg konjugi flimkien*; u (ii) *illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ewwel eccezzjoni tigi michuda, mart l-eccipjent ghandha tigi citata fil-kawza…*;

Rat ir-Rikors ta’ Angelo Attard ipprezentat fit-12 ta’ Gunju 1998 fejn wara li ippremetta li bi zball martu Margerita Attard ma gietx indikata bhala attrici u mart il-konvenut Maria Carmela sive Marlene Attard ma gietx indikata bhala konvenuta, talab li din il-Qorti tordna l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta u kull fejn jinstab fil-process wara l-kliem “Angelo Attard” jizdiedu l-kliem “u Margerita Attard” filwaqt li wara l-kliem “Anthony Attard” jizdiedu l-kliem “u Maria Carmela sive Marlene Attard”;

Rat id-Digriet ta’ l-4 ta’ Gunju 1999 permezz ta’ liema t-talba ta’ l-attur ghall-korrezzjoni ta’ l-okkju tal-kawza giet milqugha;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ Marlene Attard ipprezentata fit-30 ta’ Novembru 2000 permezz ta’ liema teccepixxi li: (i) *preliminarjament jezisti n-nullità tal-avviz stante li l-mara ta’ l-attur mhix citata fl-avviz kif titlob il-ligi*; u (ii) *illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma jezisti l-ebda obbligu u/jew rabta kif pretiz fl-avviz*;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut ipprezentata fit-8 ta’ Marzu 2002 permezz ta’ liema

jeccepixxi: (i) *in linea preliminari d-dezerzjoni tal-kawza ai termini tal-art. 963 et seq tal-kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta billi bejn id-data ta' dan l-Avviz li gie originarjament prezentat fit-13 ta' Frar 1997 li umbaghad gie sussegwentement korrett b'Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-4 ta' Gunju 1999 u n-notifika ta' l-Avviz kif hekk korrett lill-eccipjent ghaddew aktar mis-sitt xhur biex jinghalqu l-proceduri bil-miktub kif preskritt mill-ligi*; (ii) *subordinatament ukoll in liena preliminari, in-nullità ta' l-azzjoni odjerna ghax trattandosi ta' imghax fuq self din suppost li giet ezercitata 'ab initio' flimkien ma' mart l-attur u wkoll kontra mart il-konvenut u a tenur ta' l-art. 1322(2) tal-Kap.16 billi il-jedd li wiehed iharrek jew jigi imharrek dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja, imissu lil mizzewgin flimkien u dan ma sarx f'dan il-kaz. Dan ma seta' qatt jigi sanat bil-korrezzjonijiet awtorizzati bid-Digriet ta' l-4 ta' Gunju 1999, ghax b'hekk zdiedu partijiet godda fil-kawza b'mod li giet effettwata s-sustanza tat-talba u tal-eccezzjonijiet tal-konvenut*; (iii) *subordinatament ukoll, il-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur ta' l-art. 2156(d) tal-Kodici Civili, Kap.16, billi l-iskrittura ta' self li fuqha hi bazata l-azzjoni tirrisali ghal 29 ta' Novembru 1994*; u (iv) *subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, in-nullità tas-self allegat billi dan ma sarx bl-intervent u partecipazzjoni taz-zewg konjugi kemm min-naha ta' l-attur kif ukoll min-naha tal-konvenut, kif jesigi l-art.1322(2) u (3) (f) tal-Kap.16, stante li tali self kien jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja li suppost gie ezercitat miz-zewg konjugi flimkien fuq iz-zewg nahat*;

Rat is-sentenza tas-17 ta' Novembru 2003 bis-sahha ta' liema giet michuda l-eccezzjoni tad-dezerzjoni a tenur ta' l-Artikolu 963 *eq seq*. tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri tieghu;

Rat illi fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2008[1] il-konvenut irtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata minnu fin-

[1] Fol. 219 tal-process.

Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tieghu u ghalhekk il-kawza baqghet ghat-trattazzjoni u konsegwenti sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet originali tieghu u dwar it-tieni u raba' eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri teighu u dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata minn Maria Carmela sive Marlene Attard fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-diversi dokumenti esebiti mill-partijiet kontendenti fosthom l-iskrittura privata datata 29 ta' Novembru 1994 a fol.2 tal-process, is-sentenzi fl-ismijiet "Marlene Attard v. Anthony Attard" Citaz. Nru. 3209/96RCP u "Anthony Attard v. Marlene Attard" Citaz. Nru. 3242/96RCP, entrambe decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Novembru 2004 a fol. 68 sa' 117 tal-process u s-sentenza fl-ismijiet "Angelo Attard et v. Anthony Attard et" Avviz Nru. 795/01DM deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Dicembru 2004 a fol. 134 sa' 138 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni f'dan ir-rigward da parte tad-difensur tal-konvenut u tad-difensuri ta' Maria Carmela sive Marlene Attard;

**Ikkunsidrat:**

B'din is-sentenza qed jigu trattati u decizi s-segwenti eccezzjonijiet: (i) l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet originali tieghu - *in-nullità ta' l-avviz, ghax ma giex prezentat minn mart l-attur ukoll u ghax ma gietx citata bhala konvenuta ukoll mart l-eccipjent, u dana stante li skond l-art. 1322(2)(3)(f) tal-Kap.16, is-self ta' flus jew it-tehid ta' flus b'self, huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja, u d-dritt li wiehed ifittex jew li jigi imfittex dwar att ta' amministrazzjoni straordinarja hu vestit fiz-zewg konjugi flimkien*; (ii) it-tieni u raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tieghu - *in-nullità ta' l-azzjoni odjerna ghax trattandosi ta' imghax fuq self din suppost li giet ezercitata 'ab initio' flimkien ma' mart l-attur u wkoll kontra mart il-konvenut u a tenur ta' l-art. 1322(2) tal-*

*Kap.16 billi il-jedd li wiehed iharrek jew jigi imharrek dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja, imissu lil mizzewgin flimkien u dan ma sarx f'dan il-kaz. Dan ma seta' qatt jigi sanat bil-korrezzjonijiet awtorizzati bid-Digriet ta' l-4 ta' Gunju 1999, ghax b'hekk zdiedu partijiet godda fil-kawza b'mod li giet effettwata s-sustanza tat-talba u tal-eccezzjonijiet tal-konvenut* u *in-nullità tas-self allegat billi dan ma sarx bl-intervent u partecipazzjoni taz-zewg konjugi kemm min-naha ta' l-attur kif ukoll min-naha tal-konvenut, kif jesigi l-art.1322(2) u (3) (f) tal-Kap.16, stante li tali self kien jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja li suppost gie ezercitat miz-zewg konjugi flimkien fuq iz-zewg nahat*; **u** (iii) l-ewwel eccezzjoni sollevata minn Maria Carmela sive Marlene Attard fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha - *in-nullità tal-avviz stante li l-mara ta' l-attur mhix citata fl-avviz kif titlob il-ligi*.

Essenzjalment ghalhekk din is-sentenza trattata dwar: (a) l-allegata nullità ta' l-Avviz ghaliex essendo l-meritu ta' l-azzjoni attrici – hlas ta' imghax fuq self maghmul mill-attur lill-konvenut – att ta' amministrazzjoni straordinarja, l-attur kellu jezercita l-azzjoni odjerna flimkien ma' martu u jistitwixxi l-istess azzjoni anke fil-konfront ta' mart il-konvenut, liema nullità skond il-konvenut ghadha qed tipperdura nonostante l-korrezzjoni ordnata minn din il-Qorti bid-Digriet ta' l-4 ta' Gunju 1999; u (b) l-allegata nullità tas-self mill-attur lill-konvenut billi dan ma sarx bl-intervent u partecipazzjoni tan-nisa rispettivi taghhom, necessarji tali intervent u partecipazzjoni stante li l-ghoti u tehid ta' flus b'titolu ta' self jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja a tenur ta' l-Artikolu 1322(3)(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Nullità ta' l-Avviz:**

Il-kazijiet li fihom il-Ligi ssemmi meta u kif att giudizzjarju ma jiswiex u meta u f'liema cirkostanzi tista' titressaq eccezzjoni dwar is-siwi ta' tali att huma tassattivament imfissrin fl-Artikolu 789 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta: *L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti giudizzjarji tista' tinghata: (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mill-ligi espressament; (b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti; (c) jekk fl-*

*att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat; (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mill-Ligi. Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi. L-eccezzjoni ta' nullità ta' att taht is-subartikolu 1(c) ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità*.

Fil-Ligi nostrali, kemm dik procedurali kif ukoll dik sostantiva, ma hemm ebda provvediment tal-Ligi li (a) **espressament** jghid li azzjoni jew kawza miftuha minn jew kontra persuna mizzewga trid tinfetah ukoll minn jew kontra l-parti mizzewga l-ohra; u/jew li (b) **espressament** jipprovdi li n-nuqqas li jissemma l-isem tal-parti l-ohra mizzewga fl-atti tal-kawza jikkostitwixxi nuqqas ta' partikolarà essenzjali f'dak l-att.

In effetti ghalkemm l-Artikolu 1322(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien*, u taht is-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Ligi hemm elenkati b'mod tassattiv liema huma l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi mkien ma jghidu li in-nuqqas ta' zewg mizzewwgin flimkien f'xi wiehed minn dawn l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja jew f'xi kawza dwar att bhal dawn igib li dak l-istess att ma jiswiex. Anzi ghall-kuntrarju fl-Artikolu 1326 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta il-Ligi tipprovdi li f'tali sitwazzjoni l-att ikun jiswa u jkun annullabbli, u mhux null, biss fuq talba ghaldaqshekk minn dik il-parti mizzewga li ma kenitx involuta fit-twettiq ta' l-att jew f'dik il-kawza[2].

---

[2] Vide **Carmela Galea v. Evelyn Jones, Citaz. Nru. 929/00JRM** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2003.

B’hekk meta azzjoni relattiva ghal att ta’ amministrazzjoni straordinarja tigi intentata minn u/jew kontra wiehed mill-konjugi biss u mhux ukoll minn u/jew kontra l-konjugi l-iehor ma jistax jinghad li hemm in-nullità tal-proceduri, kif invece pretiz mill-konvenut u minn Maria Carmela sive Marlene Attard.

Apparte dan anke kieku kellu jigi kkunsidrat illi l-intervent u partecipazzjoni tal-konjugi fil-kawza huma necessarji a tenur tal-Ligi, xorta wahda jehtieg jittiehed in konsiderazzjoni dak provdut fl-Artikolu 789 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta ossia li *l-eccezzjoni ta’ nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista’ tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi*. Dan il-provvediment tal-Ligi juri bic-car li l-intenzjoni tal-Legislatur hi mhux biss li jillimita l-kazijiet ta’ nullità ghall-minimu assolutament mehtieg, imma wkoll li anke fejn tali nullità hi imposta, tinghata l-opportunità li tigi evitata fejn il-ligi stess tipprovdi rimedju. Dana huwa in omagg ghall-principju li ghandu dejjem jirrenja suprem fuq kull konsiderazzjoni ta’ teknikalità jew formalizmu, il-principju li att giudizzjarju ghandu dejjem jigi salvat jekk ma jkunx tassew milqut minn nullità gravi u essenzjali.

Wahda mid-disposizzjonijiet tal-Ligi li ghalihom certament jirreferi l-Legislatur fl-Artikolu 789 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, hija dik enuncjata fl-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta li kif emendat bis-sahha ta’ l-Att XXIV ta’ l-1995, jipprovdi : *il-qorti tista’, f’kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta’ wahda mill-partijiet, wara li tisma’ meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom* ***jizdied jew jitnehha l-isem ta’ wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor f’loku***[3]*, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata,* ***sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza***[4]*.*

[3] Enfasi tal-Qorti.
[4] Enfasi tal-Qorti.

Fil-kaz in ezami dak li fil-fatt gara hu li fid-dawl ta’ l-eccezzjoni tan-nullità ta’ l-Avviz sollevata mill-konvenut fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet originali tieghu, l-attur talab u ottjena l-korrezzjoni ta’ l-Avviz a tenur ta’ l-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta. B’Digriet datat 4 ta’ Gunju 1999 din il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni ta’ l-Avviz fis-sens li wara isem l-attur jizdied isem martu Margerita Attard *qua* attrici u wara isem il-konvenut jizdied isem martu Maria Carmela sive Marlene Attard *qua* konvenuta, b’dana li l-konjugi kollha gew parti fil-proceduri odjerni.

Fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tieghu però l-konvenut jerga’ jtenni l-eccezzjoni tan-nullità ta’ l-Avviz ghaliex skond hu din in-nullità qatt ma setghet tigi sanata bil-korrezzjonijiet awtorizzati bid-Digriet ta’ l-4 ta’ Gunju 1999 ghaliex bl-istess korrezzjonijiet zdiedu partijiet godda fil-kawza b’mod li giet effettwata s-sustanza tat-talba u tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Il-Qorti ma taqbilx mal-kontestazzjoni tal-konvenut u dana billi fl-ewwel lok, kif già inghad, ma tissussisti ebda nullità ta’ l-Avviz, u fi kwalunkwe kaz mhux minnu li bil-korrezzjonijiet awtorizzati zdiedu partijiet godda fil-kawza b’dana li giet effettwata s-sustanza tat-talba attrici u ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ghalkemm zdiedu n-nisa rispettivi ta’ l-attur u konvenut *qua* partijiet kontendenti f’dawn il-proceduri, l-meritu tat-talba attrici kien u baqa’ l-istess ossia, il-hlas ta’ imghax dovut fuq somma mislufa mill-attur lill-konvenut. Lanqas jista’ jinghad li gew effettwati l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u dana partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-istess konvenut gie notifikat mill-gdid bl-Avviz kif korrett u nghata l-opportunità jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri, opportunità li huwa ha u fil-fatt ipprezenta Eccezzjonijiet Ulterjuri fejn oltre li rega’ tenna l-eccezzjoni tan-nullità, eccepixxa wkoll id-dezerzjoni (eccezzjoni michuda b’sentenza pronuncjata fis-17 ta; Novembru 2003), il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici a tenur ta’ l-Artikolu 2156(d) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta (liema eccezzjoni giet rinunzjata mill-istess konvenut waqt is-seduta ta’ l-24

ta' Settembru 2008[5]), u n-nullità tas-self a tenur ta' l-Artikolu 1322(2) u (3)(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta (liema eccezzjoni ser tigi trattata iktar 'l quddiem f'din is-sentenza).

Anke mart il-konvenut giet notifikata bl-Avviz kif korrett u nghatat l-opportunità tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha ghat-talba attrici. In effetti b'Nota ta' l-Eccezzjonijietipprezentata fit-30 ta' Novembru 2000 il-konvenuta Maria Carmela sive Marlene Attard eccepiet preliminarjament in-nullità ta' l-Avviz stante li l-mara ta' l-attur mhix citata fl-avviz kif titlob il-Ligi (liema eccezzjoni qed tigi trattata f'din is-sentenza) u fil-meritu li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi ma jezisti l-ebda obbligu u/jew rabta kif pretiz fl-Avviz.

Il-Qorti mill-gdid ittenni l-principju li *bhala regola, skond il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz u kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozità procedurali w il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza. Illi l-emendi li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, huma mmirati proprio ghalhekk, ghaliex huwa palez li l-interess tal-gustizzja fil-kaz in partikolari jigi moqdi generalment biss b'decizjoni fuq il-punt sostantiv tal-kawza, u dak huwa li l-partijiet realment ikunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura jezistu biex jipprovdu l-ahjar triq sabiex id-dritt sostantiv ikun jista' jingieb bl-ahjar u bl-izjed mod spedittiv ghall-konferma tieghu, u dan entro l-limiti tal-ligi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jigi abbuzat. Illi ghalhekk l-ebda principju tal-gustizzja ma ghandu jhalli d-dritt procedurali jiehu s-soppravent fuq id-dritt sostantiv, b'mod li l-formalizmu bil-mod estrem tieghu jiddetta l-effettiva esekuzzjoni u implimentazzjoni tal-gustizzja skond il-ligi*[6].

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Spiteri v. Francis Spiteri, Citaz. Nru. 2378/97RCP** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-

[5] Fol. 219 tal-process.
[6] Vide **Ignatius Licari noe v. Anthony Cassar, Citaz. Nru. 1164/93RCP** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001.

15 ta’ April 1999 inghad illi *l-korrezzjonijiet li issa jisthgu isiru fl-atti tal-kawza huma hafna iktar ampji minn dawk permessi qabel is-sena 1995, u dawn kollha intizi sabiex jirrendu l-ligi effikaci u immirata ghall-gustizzja sostantiva fuq il-mertu tal-kaz, u ghalhekk iktar vicin il-kwistjoni fil-mertu, minflok dak il-formalizmu u rigorosità fil-procedura esagerata, li jirrendu l-procedura superjuri ghas-sustanza u kwindi loghoba gudizzjarja li tissupera l-obbjettiv u n-nukleu tal-ligi sostantiva li fiha innfisha ggib reazzjoni tal-gustzzja. Dan ma huwa xejn hlief promulgazzjoni ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti nostrali, fejn naqra naqra dahlet kultura soda u kostanti kontra l-formalizmu stringenti, li kien qed jirrendi l-procedura suprema fuq il-ligi sostantiva, u b’tali sentenzi, illum sanati bil-promulgazzjoni tal-emendi tas-sena 1995, sanaw il-pozizzjoni logika li l-ligi tal-procedura hija intiza biss sabiex isservi biex jintlahaq il-grad necessarju ta’ gustizzja fil-ligi sostantiva, u ghalhekk il-ligi tal-procedura hija biss l-ghodda biex jintlahaq tali skop u mhux il-finilizzazzjoni tal-istess –* ***Guillaumier Industries Limited v. Reginald Fava et, Citazzjoni numru 831/97/RCP*** *deciza fit-28 ta’ Ottubru 1998.*

In oltre fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Chircop v. John Attard, Citaz. Nru. 1657/94FGC** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Frar 1996, inghad illi l-allegata nullità fejn tithalla barra xi wahda mill-partijiet mizzewga ma hijiex wahda li hija dikjarata *expressis verbis* skond l-Artikolu 789 tal-Kap.12. F’dik is-sentenza, il-Qorti sostniet illi *l-eccezzjoni tan-nullità ma tistax tinghata u dan ghaliex l-izball li sar mill-attur meta huwa ma inkludiex lill-martu bhala attur u lil Margaret Attard bhala konvenuta flimkien ma’ zewgha jista’ jissewwa bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap.12, kif emendat bl-Artikolu 85 tal-Att XXIV tal-1995. In fatti skond dan l-Artikolu tal-Ligi, jista’ jizdied l-isem tal-partijiet fil-kawza u jissewwa kull zball iehor sakemm korrezzjonijiet bhal dawn ma jbiddlux fis-sustanza l-azzjoni jew eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza. Huwa ovvju li, f’kaz li jizdiedu mart l-attur u mart il-konvenut bhala partijiet fil-kawza, mhux ser ikun hemm tibdil fis-sustanza ta’ l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu.* Dan l-istess principju gie kkonfermat fis-sentenza fl-

ismijiet **Nicholas Grima v. Antoine Agius et, Citaz. Nru. 1357/96GCD** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Marzu 1999.

Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti guridici ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet originali tieghu, it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tieghu **u** l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha ghandhom jigu lkoll michuda.

**Nullità tas-self:**

Fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tieghu l-konvenut jeccepixxi wkoll *in-nullità tas-self allegat billi dan ma sarx bl-intervent u partecipazzjoni taz-zewg konjugi kemm min-naha ta' l-attur kif ukoll min-naha tal-konvenut kif jesigi l-art. 1322 (2) u (3)(f) tal-Kap.16, stante li tali self kien jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja li suppost gie ezercitat miz-zewg konjugi flimkien fuq iz-zewg nahat*.

Naturalment b'din l-eccezzjoni l-konvenut qed jipprova jgib fix-xejn it-talba attrici ghall-hlas ta' imghax bir-rata ta' 5% fuq l-imsemmi self, konteggjat mid-29 ta' Novembru 1994 u t-28 ta' Gunju 1996[7].

Mill-atti processwali, u senjatament mill-iskrittura privata datata 29 ta' Novembru 1994 annessa ma' l-Avviz promotur[8], jirrizulta li f'xi zmien qabel id-**29 ta' Novembru 1994** l-attur silef is-somma ta' Lm3,500 lill-konvenut. Permezz ta' l-imsemmija skrittura privata l-attur u l-konvenut qablu li *Anthony Attard huwa debitur ta' Angelo Attard fis-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3500)* ***rapprezentanti somma ekwivalenti gja mislufa lilu[9]****;* u li *fuq din is-somma qed jiddekorri imghax bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mil-lum u jaqblu li din is-somma tigi rifusa appena jkun jista' d-debitur*. Jirrizulta b'mod car

---

[7] Fol. 197 tal-process.
[8] Fol. 2 tal-process.
[9] Enfasi tal-Qorti.

ukoll li s-self inghata mill-attur lill-konvenut minghajr l-intervent u partecipazzjoni tan-nisa rispettivi taghhom u li l-imsemmija skrittura privata giet iffirmata biss mill-attur Angelo Attard u mill-konvenut Anthony Attard u mhux ukoll min-nisa rispettivi taghhom.

B’daqshekk però ma jfissirx li l-konvenut ghandu ragun jeccepixxi n-nullita tas-self u b’hekk jikkontesta t-talba attrici fuq dan il-binarju, u dana in bazi ghas-segwenti osservazzjonijiet:

A. Fl-ewwel lok, ghalkemm huwa minnu li a tenur ta’ l-Artikolu 1322 (2) u (3)(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta li tissellef jew tislef flus, barra minn depozitu ta’ flus f’kont f’bank, huwa att ta’ amministrazzjoni straordinarja u l-jedd li jitwettaq tali att imiss liz-zewg mizzewgin flimkien, jigi osservat li l-**imsemmi artikolu tal-Ligi kif emendat dahal fis-sehh fl-1995** u cioe, wara li nghata s-self ta’ Lm3,500 mill-attur lill-konvenut u wara li tali debitu tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attur gie rikonoxxut mill-istess konvenut. Isegwi ghalhekk li ghall-ghoti tas-self mill-attur lill-konvenut u ghall-kostituzzjoni tad-debitu tal-konvenut verso l-attur l-intervent u partecipazzjoni tan-nisa rispettivi tal-partijiet kontraenti ma kienux mehtiega ghall-validita rispettiva taghhom.

Ghalkemm il-proceduri odjerni gew istitwiti fl-1997 u cioè fi zmien meta l-Artikolu 1322 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta kif nafu llum kien vigenti w effettiv, il-provvediment tal-Ligi hemm enuncjat, b’mod partikolari ghal dak provdut fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (3), ma japplikax ghas-self tas-somma ta’ Lm3,500 moghti mill-attur lill-konvenut u dana b’applikazzjoni tal-principju tan-non-retroattività tal-Ligi, partikolarment tal-Ligi sostantiva.

Fir-rigward ta’ tali principju guridiku fis-sentenza fl-ismijiet **“Renato J. Costigan v. Malta Drydocks Corporation et” Appell Civili Nru. 5/04** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta’ Ottubru 2005 inghad illi *in tema ta’ dritt ir-retroattivita ghandha karatteristika eccezzjonali. Dan ghaliex, di regola, il-ligi ma tiddisponix hlief ghall-futur. Anke fejn applikabbli però, huma biss in-normi ta’*

*natura processwali, u mhux ukoll dawk ta' indoli sostanzjali, li jistghu jsibu applikazzjoni immedjata fil-gudizzju in korso. Sostanzjalment, il-materja tibqa' dixxiplinata mil-ligi vigenti fil-mument li jkun introdott l-att relattiv inizzjali. Id-delimitazzjoni tan-normi l-godda introdotti giet bosta drabi operata billi wiehed jirrikorri ghal dak maghruf bhala d-dritt kwezit li jfisser li n-normi l-godda jridu jirrispettaw dawk id-drittijiet li jkunu twieldu minn fatt akkwizittiv u validu taht il-ligijiet ezistenti u li jkunu allura gja jifformaw parti mill-patrimonju ta' l-individwu. Dan kollu jinsab ahjar spjegat fid-decizjoni fl-ismijiet* ***"Michele Muscat v. L-Onor. Roberto Briffa Collettore delle Dogane"****, Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' April 1919 (***Kollez. Vol. XXIV PII p 16)***. A propozitu fiha ntqal dan:- "Che è principio, che la legge esercita il suo impero colla promulgazione, che si confonde nel concetto guridico colla sua pubblicazione o dal giorno in cui se ne fosse dato avviso, ed è inerente all' indole ed alla natura della legge che la stessa non disponga che per l'avvenire senza estendere il suo impero ai fatti già compiuti e consumati. 'Leges et constitutiones certum est futuris dare formem negotiis et non ad facta praeterita revocari (Leg. 7 Cod. De Legibus). La legge di regola, quindi, non ha effetto retroattivo ed è di diritto volgare il broccardo che 'lex non habet oculos retro'. Che quantunque sia in facolta del legislatore espressamente dischiara, che la legge debba comprendere nel suo impero anche gli atti, che non fossero ancora compiuti, tuttavia i diritti quesiti sono sempre di giustizia dalla legge rispettati. 'Nisi nominatim' scriveva l'antichità, 'et de praeterito tempore et ad hoc pendentibus negotiis cautum sit (Cod. De legibus) … sew jekk id-dritt kwezit ikun kompjut, sew jekk ikun l-origini ta' fatt li jkun gara taht il-ligi precedenti, u d-dritt skond dik il-ligi jkun perfett u kompjut, u fl-istess hin ikun dahal fil-patrimonju ta' min jirreklamah, u l-okkazzjoni ta' l-ezercizzju tieghu tipprezenta ruhha taht il-ligi l-gdida, fl-ewwel ipotesi ghaliex ir-retroattività hija impossibbli u assurda, u fit-tieni ipotesi ghaliex l-istess dritt ikun perfett taht il-ligi antika qabel ma nholqot l-okkazzjoni ta' l-ezercizzju tieghu taht il-ligi gdida, l-istess ghandu jigi rispettat, u l-ligi l-gdida ma ghandhiex, skond il-principji elementari tal-gustizzja u ekwita, ikollha setgha fuqu –*

***"Chev. Antonio Cassar Torreggiani nomine -vs- Nutar Dr. Vincenzo Gatt nomine"*** *Appell Civili, 12 ta' Mejju 1950 (**Kollez. Vol. XXXIV PI p 148**).*

Dawn l-istess principji gew ikkonfermati mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Fava v. Prof. John Mamo LLD. et noe, Citaz. Nru. 1023/94** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003 u fiha gie kkonfermat ukoll il-principju li *gli effetti dell'obbligazione si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate.*

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet ghalhekk jirrizulta ferm evidenti li kontra dak pretiz mill-konvenut is-self lilu tas-somma ta' Lm3,500 da parte ta' l-attur ma hu milqut minn ebda nullità ghalkemm dan sar minghajr il-partecipazzjoni u intervent tan-nisa rispettivi taghhom.

B. Fi kwalunkwe kaz anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument kellu jitqies li l-Artikolu 1322(2) u (3)(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta kellu jsib applikazzjoni ghall-kaz in ezami, xorta wahda n-nullità tas-self eccepita mill-konvenut ma tissussistix u dana b'applikazzjoni ta' dak provdut fl-Artikolu 1326 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li dahal fis-sehh fl-1993.

Il-Ligi nostrali trid li fejn bejn persuni mizzewgin tapplika l-komunjoni ta' l-akkwisti it-tnejn li huma jkollhom seta' ta' tmexxija indaqs tal-gid materjali taghhom u t-tnejn li huma jridu joqghodu ghal dak li hemm provdut fil-Ligi – Artikolu 1322(1) u (2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, dana salv ghal dak provdut b'mod partikolari dwar atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin – Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawk li fil-Ligi nostrali huma meqjusa bhala atti ta' amministrazzjoni straordinarja li jmissu lill-mizzewgin flimkien huma tassattivament elenkati fl-Artikolu 1322(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dawk l-atti li ma humiex fl-elenku moghti f'dan l-artikolu tal-Ligi ma ghandhomx u ma jistghux jigu kkunsidrati bhala atti ta' amministrazzjoni

straordinarja izda ghandhom jitqies4 atti ta' amministrazzjoni ordinarja.

Izda l-Ligi tipprovdi wkoll li fejn att ta' amministrazzjoni straordinarja – bhalma hu l-ghoti u tehid ta' flus b'titolu ta' self – isir minn wiehed/wahda biss mill-mizzewgin u minghajr l-gharfien, imqar tacitu, tal-parti mizzewga l-ohra, dak l-att xorta wahda jkun jghodd. F'kaz però li tali att kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'holqien ta' jedd reali jew personali fuq gid immobbli jew jekk kien jikkonsisti f'holqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet reali jew personali fuq hwejjeg mobbli, dak l-att jista' jithassar fuq talba tal-mizzewweg li minghajr il-kunsens tieghu/taghha jkun sar dak l-att. Kwindi tali att ma jkunx null imma annullabbli fuq talba tal-parti mizzewwga li minghajr il-kunsens taghha jkun sar tali att.

F'kull kaz iehor, ossia f'att ta' amministrazzjoni straordinarja li jkun sar minn wiehed mill-mizzewgin biss minghajr il-kunsens, imqar tacitu tal-parti l-ohra, l-att ukoll jibqa' validu izda l-parti li thalliet barra milli taghti l-kunsens taghha ghandha li l-jedd li iggieghel lill-parti li mxiet wahdeha li tirreintegra l-komunjoni ta' l-akkwisti jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir, li taghmel tajjeb ghad-dannu mgarrab mill-parti mizzewga li ma tkunx tat il-kunsens taghha.

It-talba ghat-thassir ta' l-att li jkun sar minghajr il-kunsens ta' wiehed/wahda mill-partijiet mizzewwga trid tigi ezercitata minn dik il-parti fi zmien perentorju ta' tlett snin jew mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att, jew mid-data tar-registrazzjoni, meta dak l-att jehtieg registrazzjoni, jew mid-data li tintemm il-komunjoni ta' l-akkwisti, skond liema tkun l-ewwel data. Dan it-terminu jista' jitqassar ghal tlett xhur jekk lill-parti li ma tkunx tat il-kunsens taghha jintbaghtliha att giudizzjarju biex jgharrafha bit-twettiq ta' l-att.

Id-disposizzjonijiet enuncjati fl-Artikolu 1326 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta juru li il-konvenut ma ghandux ragun jghid li s-self ta' Lm3,500 moghti lilu mill-attur minghajr il-partecipazzjoni tan-nisa rispettivi taghhom huwa null u bla

effett. In effetti kif johrog ferm car mill-imsemmi artikolu tal-Ligi fejn hemm in-nullità kontemplata fl-istess Ligi, din hi relattiva u mhux assoluta u l-att jibqa' jiswa u fis-sehh sakemm ma jigix imhassar fuq talba tal-parti li ma tkunx tat il-kunsens ghal dak l-att. In oltre fejn hemm in-nullità, din qatt ma tista' tintalab jew tigi eccepita mill-parti il-mizzewga li tkun effettivament ikkuntrattat dak l-att imma trid tirrizulta minn azzjoni mehuda apposta mill-parti mizzewga li ma tkunx tat il-kunsens taghha.

Fil-kaz in ezami n-nullita tas-self giet eccepita biss mill-konvenut li kien appuntu l-parti li kkuntrattat is-self u mhux ukoll mill-konvenuta martu. In effetti l-eccezzjonijiet ta' Maria Carmela sive Marlene Attard huma fis-sens li (i) *preliminarjament jezisti n-nullità tal-avviz stante li l-mara ta' l-attur mhix citata fl-avviz kif titlob il-ligi*; u (ii) *illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma jezisti l-ebda obbligu u/jew rabta kif pretiz fl-avviz*.

Apparte dan ma jirrizultax illi Maria Carmela sive Marlene Attard istitwiet, entro t-terminu perentorju provdut fil-Ligi, proceduri giudizzjarji fil-konfront ta' zewgha ghall-annullament tas-self ta' Lm3,500. L-unici proceduri giudizzjarji li hemm prova dwarhom huma: (a) l-azzjoni ghall-hlas lura tas-self istitwita mill-attur u martu kontra l-konvenut u martu bl-Avviz bin-Numru 795/01, deciza b'sentenza pronuncjata fl-1 ta' Dicembru 2004[10], u (b) proceduri ghas-separazzjoni personali bejn Anthony Attard u martu Maria Carmela sive Marlene Attard bin-Numri tac-Citazzjoni 3209/96[11] u 3242/96[12] entrambe decizi fit-30 ta' Novembru 2004.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni wkoll l-eccezzjoni tan-nullità tas-self sollevata mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tieghu ghandha tigi michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet

[10] Fol. 134 sa' 138 tal-process.
[11] Fol. 68 sa' 94 tal-process.
[12] Fol. 95 sa' 117 tal-process.

originali tieghu, tichad ukoll it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tieghu u tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha **u** tordna l-prosegwiment tal-kawza dwar il-meritu ta' l-azzjoni attrici; bl-ispejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------